DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/120

tat-28 ta' Jannar 2020

li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK ([1]).

(2) Wara li ġew organizzati, mill-Federazzjoni Russa, l-hekk imsejħa "elezzjonijiet lokali" fit-8 ta' Settembru 2019 fir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea u l-Belt ta' Sevastopol fl-Ukrajna, li ġew annessi illegalment, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li jiżdiedu seba' persuni mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi kif stabbilit fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

(3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-persuni elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni għandhom jiżdiedu mal-lista li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Jannar 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
A. METELKO-ZGOMBIĆ

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

ANNESS

Il-persuni li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"184.	Sergei Andreevich DANILENKO (Сергей Андреевич ДАНИЛЕНКО)	Sess: raġel Data tat-twelid: 14.3.1960 Post tat-twelid: Krasnodar (eks USSR)	Kap tal-Kummissjoni Elettorali ta' Sevastopol. F'din il-kapaċità, huwa pparteċipa fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet lokali fit-8 ta' Settembru 2019 fil-Belt ta' Sevastopol annessa illegalment u b'hekk, b'mod attiv, appoġġa azzjonijiet u implimenta politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.1.2020
185.	Lidia Aleksandrovna BASOVA (Лидия Александровна БАСОВА) / Lidiya Oleksandrivna BASOVA (Лідія Олександрівна БАСОВА)	Sess: mara Data tat-twelid: 1972 Post tat-twelid: Mhux magħruf	Viċi Kap tal-Kummissjoni Elettorali ta' Sevastopol. F'din il-kapaċità, hija pparteċipat fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet lokali fit-8 ta' Settembru 2019 fil-Belt ta' Sevastopol annessa illegalment u b'hekk, b'mod attiv, appoġġat azzjonijiet u implimentat politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.1.2020
186.	Ekaterina Eduardovna PYRKOVA (Екатерина Эдуардовна ПЫРКОВА)/ Kateryna Eduardivna PYRKOVA (Катерина Едуардівна ПИРКОВА)	Sess: mara Data tat-twelid: 22.8.1967 Post tat-twelid: Sevastopol (eks USSR) Mhux magħruf	Segretarju tal-Kummissjoni Elettorali ta' Sevastopol. F'din il-kapaċità, hija pparteċipat fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet lokali fit-8 ta' Settembru 2019 fil-Belt ta' Sevastopol annessa illegalment u b'hekk, b'mod attiv, appoġġat azzjonijiet u implimentat politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.1.2020
187.	Ekaterina Borisovna ALTABAEVA (Екатерина Борисовна АЛТАБАЕВА) / Kateryna Borysivna ALTABAEVA (Катерина Борисівна АЛТАБАЄВА)	Sess: mara Data tat-twelid: 27.5.1956 Post tat-twelid: Uglich (eks USSR)	Membru tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa fil-Belt ta' Sevastopol annessa illegalment. Billi assumiet din il-kapaċità u aġixxiet fiha, ħadmet għall-integrazzjoni ulterjuri, fil-Federazzjoni Russa, tal-Belt ta' Sevastopol annessa illegalment u b'hekk, b'mod attiv, appoġġat azzjonijiet u implimentat politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.1.2020
188.	Yuriy Mikhailovich GOTSANYUK / Yuriy Mikhailovich GOTSANIUK (Юрий Михайлович ГОЦАНЮК) / Iurii Mykhailovych HOTSANIUK (Юрій Михайлович ГОЦАНЮК)	Sess: raġel Data tat-twelid: 18.7.1966 Post tat-twelid: Novaya Derevnya / Nove Selo (eks USSR)	Prim Ministru tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". Billi assuma din il-kapaċità u aġixxa fiha, ħadem għall-integrazzjoni ulterjuri, fil-Federazzjoni Russa, tal-hekk imsejħa Repubblika tal-Krimea u b'hekk, b'mod attiv, appoġġa azzjonijiet u implimenta politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.1.2020

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
189.	Vladimir Vladimirovich NEMTSEV (Владимир Владимирович НЕМЦЕВ)/ Volodymyr Volodymyrovych NEMTSEV (Володимир Володимирович НЄМЦЕВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 15.11.1971 Post tat-twelid: Sevastopol (eks USSR)	President tal-ħekk imsejħa “Assemblea Leġislattiva” tal-Belt ta’ Sevastopol annessa illegalment. Billi assuma din il-kapaċità u aġixxa fiha, ħadem għall-integrazzjoni ulterjuri fil-Federazzjoni Russa tal-Belt ta’ Sevastopol annessa illegalment u b’hekk, b’mod attiv, appoġġa azzjonijiet u implimenta politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.1.2020
190.	Mikhail Vladimirovich RAZVOZHAEV (Михаил Владимирович РАЗВОЖАЕВ) / Mykhailo Volodymyrovich RAZVOZHAEV (Михайло Володимирович РАЗВОЖАЄВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 30.12.1980 Post tat-twelid: Krasnoyarsk (eks USSR)	L-ħekk imsejjaħ ”aġent Gvernatur” tal-Belt ta’ Sevastopol annessa illegalment. Billi assuma din il-kapaċità u aġixxa fiha, ħadem għall-integrazzjoni ulterjuri, fil-Federazzjoni Russa, tal-Belt ta’ Sevastopol annessa illegalment u b’hekk, b’mod attiv, appoġġa azzjonijiet u implimenta politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.1.2020”.